MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2442/2002

**Allied Insurance Agency Limited**

**vs**

**Lawrence Fenech Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sittax il-lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm216.84) rapprezentanti bilanc dovut fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-soocjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tad-29 ta' Lulju 2002, u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-ammont mhux dovut peress li ma kienx hemm xiri ta' polza u l-anqas 'renewal'.
2. Illi s-socjeta' attrici mitluba qatt ma ssostanzjat it-talba attrici anzi llum hija debitrici tas-socjeta' konvenuta.
3. SAlv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Owen Meilaq u ta' Gerald Fenech. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema t t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrigwarda prezz taa' premia fuq tlett poloz ta' assikurazzjoni mahruga minnha fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta liema poloz huma s-segwenti:-
1. L-ammont ta' Lm34.56 huwa dovut bhala 'premium' ta' 'Motor Policy' li nharget fit-28 ta' Novembru 1997.
2. L-ammont ta' Lm37.00 huwa dovut bhala prezz ta' 'premium' ta' 'Travel Policy' li nharget fid-29 ta' Dicembru 1997.
3. L-ammont ta' Lm296.37 jirrigwarda 'premium' ta' 'Combined Policy' li nharget fis-27 ta' Frar 1998.

Illi s-socjeta' konvenuta ammettiet li l-ewwel zewg ammonti hawn fuq imsemmija huma effettivament dovuti minnha izda hija qed tikkontesta t-tielet ammont, u cioe' dak rigwardanti l-'Combined Policy' stante li tirritjeni li din il-polza qatt ma nharget.

Illi mill-provi rrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet teffetwa pagamenti akkont ta' dak dovut minnha lis-socjeta' attrici bhala 'prezz ta' poloz ta' assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici kienet tibghat 'statements' b'mod regolari. Jidher li mill-ammont dovut ghl dawn it-tlett poloz ta' assikurazzjoni tnaqqas l-ammont ta' Lm8.06 li kien dovut lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' 'claim' li kienet ghamlet. Inoltre fit-8 ta' Marzu 1999 is-socjeta' attrici hallset pagament akkont ta' Lm100.00 skond ma jirrizulta mill-ircevuta esebita a fol. 8

tal-process biex b'hekk il-bilanc dovut minnha lis-socjeta' attrici kien ta' Lm216.84 u cioe' l-ammont li jifforma s-'sorte' fil-kawza odjerna. Is-socjeta' konvenuta taccetta li hija hallset dan l-ammont. Fil-fehma tat-Tribunal dan il-pagament akkont huwa rikonoxximent li l-prezz tal-polza kontestata, liema prezz kien jifforma parti mill-bilanc li kien ghadu dovut u li tieghu sar pagament akkont, kien effettivament dovut minnha. Inoltre jekk wiehed jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Gerald Fenech, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, tas-17 ta' Frar 2003 wiehed isib li dan ix-xhud qal hekk ***" Jiena nikkonferma li skond ma jirrizulta mil-ircevuta esebita a fol. 18 tal-process, f'Marzu 1999 is-socjeta' konvenuta kienet hallset Lm100 on account ta' Statement illi konna rcevejna minghand is-socjeta' attrici, f'liema statement kien hemm indikat il-premium tal-polza General Business Combined, li s-socjeta' konvenuta qieghda tikkontesta f'din il-kawza".*** Una volta li s-socjeta' konvenuta hallset pagament akkont ta' bilanc indikat fuq 'statement' hija kient qed tirrikonoxxi u taccetta li l-ammont indikat fuq dak l-'istatement' kien dovut minnha u dan peress li bl-ebda mod ma gie pruvat li dan il-pagament sar ghas-saldu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sittax il-lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm216.84) , bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------